# PATRIMONJU - GĦAQAL - PROPJETA` TAL-GĦAQDA BANDA ŻEJTUN

### Ħidma fis-Soċjeta`

Donnu li mit-twelid tagħha l-Għaqda tagħna, Għaqda Banda Żejtun dejjem ħadmet biex ikollha ċèrta sigurta` fil-ħajja. Bħalma tagħmel familja fl-ewwel snin tagħha, l-Għaqda ħasbet biex takkwista 'Saqaf fuq rasha' d-dar tagħna. Ġriet minn post għall-ieħor sakemm sabet postha. Bħala wlied il-ħaddiema, il-Membri tal-Għaqda kellhom ibatu u jistinkaw aktar biex jakkwistaw dak li għandhom illum.

Batew il-membri sħabna ta' qabilna. Ma setax jonqos. Fl-ewwel snin tal-ħajja tagħha s-Soċjeta` barra t-tfixkil li sabet ma' wiċċha, kienu żminijiet diffiċli ta' wara l-gwerra. Iżda ħadmu u rnexxielhom.



Il-Ġnien (Estenzjoni tal-Każin)

Ara xi ħadd jaħseb li biex inkantaw 'Mill-ħerba sa wara l-Knisja' kien xi ħaġa faċli jew ġiet waħedha. Kienu snin ta' għaqal, ħidma ta' nies li kellhom għal qalbhom is-Soċjeta`. Ingħaqdu u għamlu dak li fis-sitwazzjoni ħasbu li kien l-aħjar. Ħadu u attwaw deċiżjonijiet li għadna ingawdu minnhom.

### Xtraw Propjeta' - Ġnien

Għaddew is-snin. Pero` l-inizjattiva ma naqsitx. Biċċa art, ġnien li jasal sa wara l-Knisja. Tefgħu għajnejhom fuqu, ħadmu bil-għaqal fi żmien is-Sur Ġużeppi Attard, ex-kaxxier tal-Għaqda għal ħamsin sena, u nxtara u tħallas biex illum għandna ġnien, art li 'l quddiem inkunu nistgħu nagħmlu użu tajjeb minnha.

### Bnew Ċinema Pandora

Aktar lura fis-snin, eżattament fis-snin ħamsin. Kien inxtara ġnien ieħor. Sa mill-bidu l-għaqda organizzat fil-proprjeta` tagħha u tat wisgħa għat-teatru u t-teatrin u malli ġie ċ-ċans inbena teatru - Teatru Pandora ġojjel fir-raħal. Infetaħ fis-sena 1955 mill-Pres. Capt. S.C. Xuereb. Laqgħa fih eluf



Il-ftuħ tat-Teatru Pandora - Ilkxif tal-bust tal-President, il-Kaptan Seraphine Xuereb O.B.E. mill-Arċipriet Dun Mikiel Spiteri - jidher ukoll is-Sur G. Attard, ex-kaxxier.

ta' nies bħala *Talkies* u aktar tard għal diversi attivitajiet oħra.

## L-Arkivju

Forsi malli tisma' l-kelma Arkivju, tfakkrek f'xi biċċa għamara mponenti, sabiħa tal-kewba. Importanti, ħaġa sabiħa, iżda l-arkivju tal-Għaqda għandu jkun il-patrimonju ta' xogħlijiet tal-Mużika. Mużika li matul is-snin tkun inkitbet u paxxiet l-widna ta' dawk kollha li jkunu semgħuha. Mużika, frott ta' siegħat ta' ħidma ta' Surmastrijiet differenti. L-Għaqda tagħna għalkemm pjuttost żagħżugħa (Anqas minn 70 sena għal soċjeta` mhumiex snin kbar) tista' tiftaħar li għandha diversi xogħlijiet u arranġamenti ta' kompożituri barrranin u Maltin.

Nitkellmu din is-sena fuq l-Arkivju, ma nistgħux ma niftakrux f'Ċikku - hekk konna nsibuh fl-Għaqda tagħna - Francis Vella, bandist għal ħafna snin, kien Membru fil-Kumitat bil-kariga ta' Arkivista. Eżatt f'xogħlu, Ċikku ta kontribut xieraq għal ħafna snin f'dan ix-xogħol fdat lilu. Siegħat ta' xogħol, iwaħħal Marċi, jħit Libretti tal-Mużika u jipprepara għall-Kunċerti, Programmi, Marċi. U hekk wara li jgħaddi l-Kunċert, erħilu pront jiġbor u jpoġġi kollox f'postu fl-Arkivju. Xogħlu kien jafu sew, iżda aktar minn hekk kien jagħmlu sew, b'serjeta`, dedikazzjoni u eżattezza. Ma kontx ser tnessih xi parti! Malajr jirrabja. Pero` Ċikku kien nar tat-tiben. Wara ftit tfiġġ dik it-tbissima fuq fommu.



Dehra Ġenrali tat-Teatru Pandora hekk kif kien jidher fl-1955, il-jum ta' l-Inawgurazjoni



Francis 'Ċikku' Vella

*La darba nitkellmu dwar l-arkivju, ma nistgħux ma niftakrux f'Ċikku. Eżatt f'xogħlu, Ċikku ta kontribut xieraq għal ħafna snin f'dan ix-xogħol fdat lilu.*

Ċikku kien ukoll flimkien ma' membri oħra tal-Għaqda jaħdem sfiq għall-kompetizzjoni tal-Karnival. Sa minn kmieni araħ jifforma l-Maskli, jinkolla fuq il-forom li jkun lestielu l-Artist Nenu Delia.

Kien membru veru ħabrieki u ma ninsa qatt dik it-tbissima ta' ferħ f'xi attivita` li kienet torganizza l-Għaqda. Illum Ċikku halliena, iżda persważ li qed jitlob għalina l-membri u għall-Għaqda li tant kellu għal qalbu u ħabb f'ħajtu.